

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' Ottubru 2008

li tistabbilixxi l-ammonti netti li jirriżultaw mill-modulazzjoni fakultattiva fil-Portugall għas-snin 2009-2012

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 5533)

(Il-verżjoni bil-Portugiż biss hija awtentika)

(2008/788/KE)

(ĠU L 271, 11.10.2008, p. 44)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

	Nru	Pàġna	Data
► M1 Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/505/KE tat-30 ta' Ġunju 2009	L 171	46	1.7.2009



DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' Ottubru 2008

li tistabbilixxi l-ammonti netti li jirriżultaw mill-modulazzjoni fakultattiva fil-Portugall għas-snin 2009-2012

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 5533)

(Il-verżjoni bil-Portugiż biss hija awtentika)

(2008/788/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 li jstabbilixxi regoli għal modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti previsti fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jstabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jstabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 ⁽¹⁾, b'mod partikulari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 378/2007 jistipula li l-Istati Membri li, skond l-Artikolu 70(4a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ⁽²⁾, ġew eżentati mill-obbligu li jikko-finanzjaw l-appoġġ Komunitarju jistgħu japplikaw, matul il-perjodu 2007-2012, tnaqqis imsejjaħ "modulazzjoni fakultattiva" għall-ammonti kollha marbutin mal-ħlasijiet diretti fit-tifsir tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 ⁽³⁾, li stabbilixxa regoli komuni għall-iskemi diretti ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni, kif ukoll ċerti skemi ta' appoġġ favur il-bdiewa.
- (2) L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 378/2007 jistipula li, fix-xahrejn ta' wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, l-Istati Membri għandhom jstabbilixxu r-rata annwali ta' modulazzjoni fakultattiva applikabbli matul il-perjodu 2007-2012 u jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'evalwazzjoni tal-okkorrenza tal-applikazzjoni ta' dik il-modulazzjoni.
- (3) L-ammonti netti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni fakultattiva għandhom jiġu stabbiliti abbażi ta' kalkolu fil-każ ta' rata nazzjonali waħdanija ta' modulazzjoni fakultattiva, jew inkella, fil-każ li l-Istati Membri japplikaw rati differenzjati skond ir-reġjun, l-ammonti notifikati mill-Istati Membri skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 378/2007.
- (4) Il-Portugall għarraf lill-Kummissjoni li se japplika rata nazzjonali waħdanija ta' modulazzjoni fakultattiva ta' 10 % għas-snin kalendarji 2009-2012.
- (5) Il-Portugall bagħat ukoll evalwazzjoni tal-okkorrenza tal-applikazzjoni ta' dik il-modulazzjoni.
- (6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 333/2008 ⁽⁴⁾ stabbilixxa l-limiti applikabbli għall-ammonti addizzjonali ta' għajjnuna

⁽¹⁾ ĠU L 95, 5.4.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 102, 12.4.2008, p. 19.

▼B

li għandhom jitħallsu lill-Portugall fil-qafas tal-modulazzjoni volontarja pprovduta fir-Regolament (KE) Nru 378/2007.

- (7) Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-ammonti netti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni fakultattiva fil-Portugall,

ADOTTATA DIN ID-DEĊIŻJONI:

▼M1*Artikolu 1*

L-ammonti netti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni fakultattiva għall-Portugall għas-snin 2009-2012 huma kif ġej:

<i>Miljuni ta' EUR</i>			
2009	2010	2011	2012
32,8	29,0	25,0	21,0

▼B*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mis-sena baġitarja 2010.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.